

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2020 – OI vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-705/20)**

(2021/C 28/93)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* OI (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni li ma tinkludix ismu fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni interna COM/03/AD/1;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat, prinċipalment, fuq l-assenza ta' motivazzjoni rilevanti. Ir-rikorrent iqis fil-fatt li l-motivazzjoni hija kkostitwita minn evalwazzjonijiet letterali li ma humiex koerenti mal-marki mogħtija. Barra minn hekk, il-Bord tal-Għażla ma kkomunikax il-kriterji tal-għażla adottati qabel l-eżamijiet, b'tali mod li la r-rikorrent u lanqas l-Awtorità tal-Ħatra ma kienu f'pożizzjoni li jivverifikaw il-legalità ta' dawn il-kriterji.
2. It-tieni motiv ibbażat, sussidjarjament, fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Bord tal-Għażla peress li dan tal-aħħar ma kienx f'pożizzjoni li jiġġustifika b'mod suffiċjenti fil-liġi n-nuqqasijiet ta' koerenza manifesti bejn l-evalwazzjonijiet letterali u l-marki mogħtija, fid-dawl tal-paragun mal-evalwazzjonijiet paragonabbli ta' kandidati oħrajn.

---

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2020 – Skyworks Solutions vs EUIPO – Sky (Sky5)****(Kawża T-707/20)**

(2021/C 28/94)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Skyworks Solutions, Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Muir Wood, Barrister)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Sky Ltd (Isleworth, ir-Renju Unit)